

32003R1105

L 158/3

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

27.6.2003

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1105/2003****tas-26 ta' Mejju 2003****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1260/1999 li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 161 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta (mressqa) mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(3)</sup>,

Wara li kkonsulta mal-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

- (1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 47(2) u 3 tar-Regolament (KE) Nru 1260/1999 <sup>(4)</sup> rispettivament jipprovdu għal rikors għal proċedura tal-Kumitat ta' Tip I u għal proċeduri ta' Tip IIa IIb stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/373/KEE tat-13 ta' Lulju 1987 li tippreskrivi proċeduri għall-eżerċizzju ta' poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(5)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KEE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tippreskrivi l-proċeduri għall-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(6)</sup> rrevokat u ssostitwixxiet id-Deċiżjoni 87/373/KEE.
- (3) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Kunsill u tal-Kummissjoni <sup>(7)</sup> dwar id-Deċiżjoni 1999/468/KEE, id-dispożizzjonijiet konnessi mal-kumitati li jgħinu lill-Kummissjoni fl-eżerċizzju tal-poteri ta' implimentazzjoni tagħha, li huma pprovvduti skond id-Deċiżjoni 87/373/KEE,

għandhom ikunu adattati biex jinġiebu jaqblu mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 3, 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

- (4) Il-miżuri meħtieġa għandhom jittieħdu biex ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 jinġieb jaqbel mad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 għandu għalhekk ikun emendat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 47(2) u (3) r-Regolament (KE) Nru 1260/1999 għandu jkun issostitwit b'li ġej:

"2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 sa 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perjodu taż-żmien preskritt fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun stabbilit għal xahar.

3a. Il-kumitati għandhom jadottaw ir-regoli ta' proċedura tagħhom."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-26 ta' Mejju 2003.

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. DRYG

<sup>(1)</sup> ĠU C 75 E, tas-26.3.2003, p. 383.

<sup>(2)</sup> Kunsens mogħti fil-11.3.2003 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(3)</sup> ĠU C 241, tas-7.10.2002, p. 128.

<sup>(4)</sup> ĠU L 161, 26.06.99, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 197, 18.07.87, p. 33.

<sup>(6)</sup> ĠU L 184, 17.07.99, p. 23.

<sup>(7)</sup> ĠU C 203, tas-17.7.1999, p. 1.